# IL-BILBLA

*Narak fil-għodu*
*fl-abjad tad-dija,*
*gwinħajk jirtogħdu*
*bil-ferħ mimlija,*

*tgħanni w tittajjar,*
*u xħin mas-sema*
*jinfirxu x-xmajjar*
*tad-dawl, tinstema'*

*għanjietek tidwi;*
*u r-ragħaj jismagħha,*
*u jduq il-bidwi*
*il-benna tagħha.*

*Lix-xemx fi nżulha*
*isellmu l-knejjes;*
*fil-bliet, fl-irħula*
*bdew jonqsu l-ħsejjes;*

*id-dlam inġabar;*
*imm' inti għadek*
*tgħanni bla sabar.*
*Hawnhekk mhux qagħdek,*

*ja ruħ ferrieħa,*
*għaliex id-dwejjaq*
*u l-għira lħiħa,*
*u l-mard tal-ħlejjaq,*

*u l-għaks u l-ħtija*
*jitqabdu miegħek,*
*u jdallmu d-dija*
*tal-ħajja tiegħek.*

17-18. 6. 45. MARĊELL MIZZI.